# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## ROBERT G. MANGION

### ILLUM IL-31 TA' OTTUBRU 2019

**Kawża Numru: 18**

**Rik. Ġur. 1952/1997 RGM**

**Carmen Fenech**

**vs.**

**Dr. Ivan Vella u Dr. Josie Muscat
in rappreżentanza tas-Summit Eye
Laser Clinic u St. James Health Centre**

**Il-Qorti:**

Rat ir-**rikors maħluf tar-rikorrenti Carmen Fenech** li permezz tiegħu ppremettiet u talbet is-segwenti:

Peress illi l-attrici giet ammessa fis-Summit Eye Laser Clinic, gewwa s-St. James Health Centre, fejn il-konvenut Dr Ivan Vella kellu jaghmillha '*Excimer Laser Treatment'* ta' ghajnha x-xellugija.

Peress illi b'rizultat tat-trattament li nghatat l-attrici, hija kellha deterjorament rapidu tal-vista ta' ghajnha x-xellugija.

Peress illi, ghalkemm l-attrici rrikorriet minnufih ghand il-konvenut, wara l-*'Excimer Laser Treatment'*, u nfurmatu li kienet migugha hafna u li kienet qed titlef id-dawl ta' ghajnha x-xellugija, huwa baqa` jinsisti li kollox kien qieghed sewwa u biz-zmien kien ser jghaddilha kollox.

Peress illi, ghalkemm il-konvenut kien ghadu fil-hin biex jara li l-attrici tinghata minnufih il-kura mehtiega biex ma jkomplix dan id-deterjorament rapidu tal-vista ta' ghajnha x-xellugija, b'negligenza grossolana huwa halla z-zmien ighaddi, u kien biss erba' (4) xhur wara l-'*Excimer Laser Treatment'* illi huwa qalilha li ma seta' jsir xejn biex tigi salvata l-vista ta' ghajnha x-xellugija.

Peress illi l-attrici, bhala rizultat ta' dan, sofriet dizabilita` permanenti fil-vista ta' ghajnha x-xellugija.

Jghidu l-konvenuti, jew minn minnhom, ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara illi l-attrici sofriet dizabilita` permanenti fil-vista ta' ghajnha x-xellugija b'rizultat tat-trattament li nghatat mill-konvenut Dr. Ivan Vella.

2. Tiddikjara lill-konvenuti, jew minn minnhom, responsabbli ghad-danni kollha konsegwenzjali sofferti mill-attrici.

3. Tillikwida d-danni sofferti mill-attrici.

4. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu d-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tad-29 ta' April, 1996, kontra l-konvenuti li huma ngunti ghas-subizzjoni.

Bl-imghax skont il-ligi.

Rat **in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut Dr. Josie Muscat in rappreżentanza tas-St James Health Centre** fejn jingħad kif ġej:

1. Preliminarjament illi l-azzjoni attrici hija preskritta *ai termini* ta' l-artikolu 2153 tal-Kodici Civili.

2. Illi s-*St James Health Centre* mhijiex persuna guridika u ghalhekk ic-citazzjoni ma tistax triegi fil-konfront tal-konvenut "Dr. Josie Muscat in rapprezentanza tas-*St. James Health Centre*".

3. Illi f'kull kaz u bla pregudizzju ghas-sueccepit, l-eccepjent *nomine* mhuwiex legittimu kontradittur f'din il-kawza u konsegwentement ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju billi s-*Summit Eye Laser Clinic* titmexxa mill-Kumpanija *Summit Eye Laser Clinic Limited* li hija ghal kollox awtonoma mill-Kumpanija li tmexxi s-*St James Health Centre*.

4. Illi bla pregudizzju ghas-sueccepit it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt billi l-eccepjent *nomine* ma kien responsabbli ta' ebda negligenza fil-konfront ta' l-attrici.

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat **in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti Dr. Ivan Vella u Dr. Josie Muscat in rappreżentanza tas-Summit Eye Laser Clinic** fejn jingħad kif ġej:

1. Preliminarjament illi l-azzjoni attrici hija preskritta *ai termini* ta' l-artikolu 2153 tal-Kodici Civili.

2. Illi is-*Summit Eye Laser Clinic* mhijiex persuna guridika u ghalhekk ic-citazzjoni ma tistax triegi fil-konfront tal-konvenut "Dr. Josie Muscat in rapprezentanza tas-*Summit Eye Laser Clinic*".

3. Illi bla pregudizzju ghas-sueccepit it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt billi l-intervent u l-kura fuq l-attrici saru skond id-dettami tax-xjenza u tal-professjoni medika u l-eccepjenti bl-ebda mod ma kienu negligenti jew b'xi mod naqqsu fil-konfront ta' l-istess attrici.

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat illi din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta f'Lulju 2018.

Rat il-provi kollha li tressqu fil-kors tal-kawża;

Rat illi fl-udjenza tat-2 ta' Ġunju 1998, din il-Qorti diversament preseduta nominat lil Dr. Kenneth Gulia bħala Assistent Ġudizzjarju u dan sabiex jisma' l-provi kollha;

Rat illi fil-15 ta' Marzu 1999 ġie nominat Tabib Kirurgu Okulista Mario Tabone bħala espert mediku iżda fit-12 ta' Novembru tal-istess sena, l-imsemmi espert mediku ġie eżentat mill-inkarigu lilu mogħti;

Rat illi fit-22 ta' Marzu 2000, il-Qorti irrevokat *contrario imperio* d-digriet tat-2 ta' Ġunju 1998 li bih innominat lil Assistent Ġudizzjarju Dr. Kenneth Gulia u differit il-kawża *sine die*;

Rat illi fl-14 ta' Lulju 2000, ir-rikorrenti talbet ir-riappuntament tal-kawża u din ġiet milqugħa b'digriet tas-17 ta' Lulju 2000;

Rat illi fis-17 t'Ottubru 2000, din il-Qorti diversament preseduta innominat għal darb'oħra lil Dr. Kenneth Gulia bħala Assistent Ġudizzjarju;

Rat illi fid-29 t'Ottubru 2003, Dr. Mario Tabone ġie nominat bħala espert mediku iżda fis-27 ta' Jannar 2004, l-istess Qorti eżonerat lil Dr. Mario Tabone mill-inkarigu u irrevokat l-inkarigu lilu mogħti;

Rat illi fit-8 ta' Lulju 2004, Dr. Mariella Gonzi ġiet nominata bħala Assistent Ġudizzjarju minflok Dr. Kenneth Gulia;

Rat illi fil-11 t'Ottubru 2005, il-Qorti nnominat lil Mr. Albert Bezzina bħala espert mediku u fil-15 ta' Frar 2006 nominat lil Dr. Mark Chetcuti bħala Perit Legali;

Rat illi fit-12 ta' Ġunju 2008 wara rikors tal-Perit Legali jinforma lill-Qorti li Dr. Bezzina ma ħassx li kellhu biżżejjed għarfien fuq ir-retina peress li huwa kien espert fuq il-cornea, il-Qorti nominat lil Dr. Jan Janula u dan ġie nominat fuq talba tar-rikorrenti;

Rat illi fis-7 t'Ottubru 2010 il-Qorti rilevat li l-Perit Legali Dr. Mark Chetcuti ġie elevat għal ġudikatura u nnominat minflok lil Dr. Ramona Frendo;

Rat id-digriet tal-20 ta' Marzu 2014 fejn permezz tiegħu ġie degretat li Dr. Jan Janula għandu jkompli bl-inkarigu tiegħu kif ukoll li ma kienx hemm ħtieġa li r-rikorrenti tinstema' quddiem il-Qorti;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti ippreżentata fit-30 ta' Jannar 2015[1], in-nota ta' sottomissjonijiet ta' Dr. Ivan Vella u Dr. Josie Muscat in rappreżentanza ta' Summit Eye Laser Clinic ippreżentata fit-

[1] Paġna 445 et seq tal-proċess.

28 ta' Mejju 2015[2] kif ukoll in-nota ta' sottomissjonijiet ta' Dr. Josie Muscat in rappreżentanza ta' St. James Health Centre li ġiet ippreżentata wkoll fit-28 ta' Mejju 2015[3];

Rat id-digriet tal-15 t'Ottubru 2018 rigwardanti l-ħlas tal-Perit Legali wara li l-istess rikorrenti kienet qiegħda tibbenefika mill-Avukat tal-Għajnuna Legali;

Rat ir-rapport tal-espert mediku Dr. Jan Janula ippreżentat fl-10 ta' Marzu 2017 u maħluf fil-11 ta' Lulju 2017[4], kif ukoll ir-rapport tal-Perit Legali Dr. Ramona Frendo maħluf fid-29 ta' Jannar 2019[5];

Rat l-atti kollha;

Rat illi l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

**Azzjoni Attriċi.**

Fit-18 ta' Settembru 1995 ir-rikorrenti ġiet ammessa l-Klinika Summit Eye Laser li kienet tinstab ġewwa St. James Health Clinic fejn sar l-intervent magħruf bħala Excimer Laser Treatment fuq għajnejha x-xellugija mill-konvenut Dr. Ivan Vella.

Fir-rikors promotur tagħha, ir-rikorrenti qiegħda tallega li b'riżultat ta' dan it-trattament, hija kellha deterjorament rapidu f'għajnejha x-xellugija. Minnufih marret għand Dr. Ivan Vella u informatu li kienet muġugħa u li kienet qed titlef id-dawl. Ir-rikorrenti xhedet illi għall-ewwel Dr Vella kien jgħidilha li m'għandha xejn ħażin filwaqt li erba'

[2] Paġna 506 et seq tal-proċess.
[3] Paġna 521 et seq tal-proċess.
[4] Paġna 647 et seq tal-proċess.
[5] Paġna 702 et seq tal-proċess.

xhur wara informaha li ma seta' jsir xejn biex tiġi salvata l-vista ta' dik l-għajn.

Ir-rikorrenti tilmenta li kien konsegwenza tal-intervent magħmul fuqha li hija qiegħda ssofri minn diżabilità permanenti u bis-saħħa ta' din l-azzjoni għalhekk qiegħda titlob dikjarazzjoni ta' diżabilità kif ukoll likwidazzjoni tad-danni.

Il-konvenuti qed jikkontestaw it-talbiet attriċi sew b'eċċezzjonijiet proċedurali kif ukoll b'eċċezzjonijiet fil-mertu.

**L-Eċċezzjonijiet.**

Fir-risposti ġuramentati tagħhom il-konvenuti resqu l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili. Ġie eċċepit ukoll li kemm St. James Health Centre kif ukoll Summit Eye Laser Clinic m'humiex persuni ġuridiċi. Min-naħa tiegħu Dr. Josie Muscat in rappreżentanza ta' St. James Clinic eċċepixxa li huwa m'huwiex leġittimu kontradittur billi Summit Eye Laser Clinic dak iż-żmien kienet titmexxa mill-kumpanija Summit Eye Laser Clinic Limited li kienet awtonoma. Fil-mertu, il-konvenuti spjegaw li ma kien hemm l-ebda negliġenza u li l-intervent sar skont id-dettami tax-xjenza u tal-professjoni medika.

Ikkunsidrat;

**Provi**.

Diversi kienu d-drabi li xehdet l-attriċi **Carmen Fenech** u għalhekk din il-Qorti sejra tiġbor ix-xhieda tagħha kollha flimkien sabiex jiġi evitat ripetizzjoni inutli. Hija tispjega li qabel ma daħlet għall-intervent tal-laser, hija għamlet appuntament ma' Dr. Ivan Vella għas-6 ta' Settembru 1995 ġewwa l-klinika l-Ħamrun. Jirriżulta li hija saret taf b'Dr. Ivan Vella wara li kienet qrat artikolu f'gazzetta lokali f'Lulju tas-

sena ta’ qabel miktub mill-istess tabib, liema artikolu kien jippromwovi l-proċeduri li huwa jagħmel. Tispjega li hija kienet interessata f’din il-proċedura peress li kellha l-ġilda ta’ wiċċha sensittiva ħafna, tant li xi daqqiet kien joħroġ id-demm minnu u li s-saqajn tan-nuċċali kienu qegħdin iżidu mal-irritazzjoni tal-ġilda. Min-naħa tagħha tixhed li hija ma marritx għand Dr. Ivan Vella sabiex tagħmel il-laser iżda sabiex issaqsih jekk kienx hemm rimedju biex tnaqqas din l-irritazzjoni tas-saqajn tan-nuċċali minn mal-ġilda. Waqt dan l-appuntament informaha li għandha għajnejha sani u li l-vista mill-1993 ma kinitx inbidlet u għalhekk setgħa jagħmel il-laser fuq iż-żewġ għajnejn iżda l-ewwel jibda bl-għajn l-aktar batuta, li kienet l-għajn ix-xellugija. Hija tgħid li Dr. Vella kien informaha li l-intervent ħa jkun *total success,* l-unika ħaġa però hija li jista’ jkun li maż-żmien ikollha bżonn nuċċali għal *minus one*, tgħid li però qatt ma qalilha li jista’ jkun hemm xi komplikazzjonijiet u lanqas informaha dwar ir-riskji u lanqas għaddielha letteratura fuq dan is-soġġett nonostante li hija saqsiet għaliha. Tgħid li wara li għamlet l-intervent hija saret taf li kien hemm diversi nies li kienu għamlu laser u kellhom problema.

Carmen Fenech xhedet illi kienet irċeviet telefonata minn St. James Health Clinic, fejn Jean Claude Muscat ta d-data bl-appuntament ta’ meta kellha tidħol il-klinika sabiex isir l-intervent. Hija marret il-klinika ġewwa Ħaż Żabbar fejn hemmek l-infermiera saqsitha għall-isem u wara li sabet il-file personali tal-pazjenta, din qaltilha li hija kienet marret hemm biex tagħmel il-laser fl-għajn il-leminija iżda Carmen Fenech qaltilha li kienet l-għajn ix-xellugija. Min-naħa tagħha l-infermiera qaltilha li hija kienet diġà ffirmat karta f’dan is-sens, iżda s-Sinjura Fenech informatha li dik kienet l-ewwel darba li hija marret f’dik il-klinika u għalhekk ma setgħax ikun li kien hemm xi karta iffirmata minnha u lanqas kienet iffirmat xi karta fil-klinika li fiha kien raha Dr. Ivan Vella. Wara li rat dan, l-infermiera saqsiet għan-numru tat-telefon tar-rikorrenti u irriżulta li dan ma kienx jaqbel. Kien għalhekk li l-infermiera daħlet ħdejn Dr. Ivan Vella. Hekk kif ħarġet, l-infermiera qaltilha sabiex tpoġġi bilqiegħda u wara ftit ħin bdiet

tagħmilha l-qtar fl-għajn ix-xellugija u dan wara li kull darba tikkoreġija Carmen Fenech li kienet fl-għajn ix-xellugija li ser isir il-laser u mhux fil-leminija. Hija tixhed li wara li ġie amministrat dan il-qtar hija ingħatat formola / karta sabiex tiffirma fuqha, u wara li l-infermiera qaltilha li din hija biss formalita' hija ffirmat din il-karta mingħajr ma saqsiet biex tgħidilha x'fiha jew mingħajr ma talbet li taqrahilha[6].

Hija daħlet għall-intervent u tgħid li hemm ukoll kellha tikkoreġi lil Dr. Ivan Vella li kienet l-għajn ix-xellugija u mhux il-leminija li ser tiġi trattata. Hija tgħid li mingħajr ma għamel verifiki beda l-intervent tiegħu fuq l-għajn ix-xellugija billi fetħilha għajnejha bi *clips* u amministra diversi *shots* ta' laser. Tgħid li t-trattament ma damx aktar minn għaxar (10) minuti. Wara l-infermiera amministrat qtar għall-uġigħ, it-tabib għattiejilha, ingħatat riċetta għal *pain killers* u *antibiotics*, kif ukoll appuntament għall-21 ta' Settembru.

Siegħa u nofs wara li marret id-dar, beda ħafna uġigħ u ħruq f'għajnejha u beda ħiereġ id-dmugħ tant li x-xarbitilha d-*dressing* li kellha fuq għajnejha. Tgħid li missierha kien ikkuntattja lil Dr. Ivan Vella tard filgħaxija dwar l-uġigħ qawwi li kienet qiegħda t'esperjenza kif ukoll dwar il-fatt illi l-*eye patch* sa dak il-ħin kienet ix-xarrbet għasra. Tgħid li Dr. Ivan Vella kien informa lil missier ir-rikorrenti biex tibqa' ssegwi l-istruzzjonijiet tiegħu u ma tneħħix l-*eye pad* qabel l-appuntament li kien imiss fi żmien tlett ijiem. Carmen Fenech tgħid li l-għada hekk kif ir-raġel tagħha ra li wiċċha n-naħa tax-xellug kien sar vjola sforz id-dmugħ li kien ħarġilha, huwa mar xtara *surgical eye pad* m'għand l-ispiżjar u biddililha u tgħid li rat kambjament għall-aħjar.

Attendiet għall-appuntament li kien mogħti lilha fejn waqt din il-vista, Dr. Ivan Vella neħħilha l-*eye pad*, informaha li hekk kif tiftaħ l-għajn hija setgħet ma tilbisx in-nuċċali u li kien kollox sew u li kellha tmur

6 Paġna 106 tal-proċess.

għal vista oħra wara tlett ġimgħat. Nonostante li kien neħħilha d-*dressing*, għajnejha nfetħet xi jiem wara, fi kliema "kienet għaddiet iżjed minn ġurnata biex infetħitli"[7]. Hija tgħid li għal perjodu qasir hija bdiet tara aħjar iżda n-nuċċali ma setgħetx toqgħod mingħajru wara ċertu żmien għaliex ma kinitx qed tara sew. Hija tgħid li llum l-għajn ix-xellugija hija mitlufa u ma tara xejn minnha.

Fis-26 ta' Settembru 1995 hija ċemplet lil Dr. Ivan Vella fir-residenza tiegħu kmieni wara nofsinhar sabiex tinformah li ma kinitx qed tara tajjeb mingħajr nuċċali. Il-ħruq sa din id-data kien għadda, iżda minflok kellha ħafna tingiż. Huwa nformaha li kien hemm min jieħu ż-żmien biex jgħaddilu.

Fit-3 t'Ottubru 1995, qabel l-appuntament li kellha ffissat, marret sabiex jeżaminaha u qalilha li kollox kien tajjeb. Min-naħa tagħha Carmen Fenech bdiet tħoss il-vista sejra lura u kienet marret għar milli kienet tant li kienet diġà bdiet tħoss it-tingiż u kienet tara *pin head*. Tgħid li Dr. Ivan Vella taha xi qtar u qalilha li għandha terġa' tmur fi żmien xahrejn. Hija tgħid li talbitu informazzjoni fuq il-laser (bħal *leaflet*) iżda skontha huwa qalilha li m'għandux. Fix-xhieda tagħha tispjega li kienet tħossha muġugħa b'mod kontinwu u li kienet tieħu *pain killers* biex itaffi l-uġigħ. Hija tgħid li dan l-uġigħ beda wara l-operazzjoni tal-laser.

Ir-rikorrenti spjegat li qabel is-17 ta' Novembru 1995, Jean Claude Muscat minn St. James Health Clinic kien ċempilha sabiex tagħmel l-intervent fl-għajn il-leminja fit-18 ta' Novembru 1995. Hija nformatu li hija kienet diġà qalet lil Dr. Ivan Vella li m'hijiex interessata tagħmel dan l-intervent u dan għaliex t-trattament fl-għajn ix-xellugija kien mar ħażin u li ma kinitx qed tara minnha. Qaltlu wkoll li hija kienet qiegħda tiġi mħawwda ma' xi ħaddieħor bl-istess isem tagħha. Dejjem skont

[7] Paġna 53 tal-proċess.

Carmen Fenech, Jean Claude Muscat qalilha li kien ser jiċċekkja u ser iċemplilha lura, iżda dan qatt m'għamel dan.

Fis-17 ta' Novembru 1995 reġgħa raha Dr. Ivan Vella u qalilha li t-trattament irnexxa, taha *eye drops* u appuntament għal 3 xhur wara. In kontro-eżami tal-31 ta' Mejju 2001 hija tgħid li fis-17 ta' Novembru kienet diġà bdiet il-*haemorrhage*. Fis-26 ta' Jannar 1996 marret għal dan l-appuntament fil-klinika ġewwa l-Ħamrun u kien dakinhar li informaha li għandha *distorted retina / distorted vision* u li m'hemmx kura u dan nonostante li hija kienet ċerta li l-kundizzjoni tagħha kienet diġà ħażina f'Novembru 1995. Hija tgħid li dak inhar kien aggressiv ħafna tant li kien qalilha sabiex tpoġġi moħħha hemm u ma tiċċajtax. Tixhed li dak inhar kien taha xi qtar li kellha tagħmel iżda tgħid ukoll li "dawn id-drops ma komplejtx nagħmilhom iżjed"[8].

Dak inhar stess, wara l-appuntament ma' Dr. Ivan Vella hija baqgħet sejra l-Blue Cross Clinic ġewwa Ħ'Attard. Dak inhar ma kienx hemm tobba iżda l-għada ċempilha Dr. Frank Portelli fejn informaha li fil-ġranet li ġejjien kien ser ikun hemm professur Amerikan. Fl-14 ta' Frar 1996, Carmen Fenech ġiet ikkuntattjata u dak inhar stess qalulha sabiex tmur il-klinika. Wara li għamlilha vista dan il-Professur Amerikan u wara li dan iddiskuta ma' Dr. Frank Portelli, kien ġie ssuġġeriet lilha sabiex tmur għand Dr. Thomas Fenech. Għamlet appuntament għandu għat-28 ta' Frar 1996 fejn irreferiha għall-Isptar għall-4 ta' Marzu 1996 għal *angiogram*. Mir-riżultat ħareġ li hija kellha *haemorrhage* u li ma kienx hemm rimedju.

Waqt il-kontro-eżami tal-31 ta' Mejju 2001 ħareġ li Carmen Fenech kienet qiegħda tmur għand Dr. Mario Bonnici u li dan qalilha li għandha wkoll *distorted cornea*.[9]

---

[8] Paġna 56 tal-proċess.
[9] Paġna 85 tal-proċess.

Fix-xhieda tagħha tal-15 ta’ Jannar 1999 hija xhedet li kienet segretarja u *Accounts Clerk* u li kellha tieqaf mix-xogħol għaliex wara x-xogħol kienet qiegħda tkun muġugħa ħafna b’konsegwenza li tmur torqod kif tasal id-dar u t-traskurat il-familja tagħha.

Waqt il-kontro-eżami[10] hija tikkonferma li m’għanda l-ebda ċertifikat li jallega jew jattribwixxi l-kondizzjoni tagħha għal xi nuqqas ta’ Dr. Ivan Vella jew St. James Health Clinic. Tgħid li kien l-ispeċjalista Amerikan li qalilha li dak li għandha huwa effett tal-laser u dan wara li kien għamlilha xi qtar f’għajnejha li ma qalhiex x’kienu jew x’kien qiegħed jagħmel. Hija tgħid li dan il-Professur kien spjega kollox lil żewġha. Hija xhedet ukoll li “lanqas x’għandi ma spjegali”[11].

Għal mistoqsija jekk Dr. Thomas Fenech kienx qalha li kien tort ta’ Dr. Ivan Vella hija rispondiet li qalilha “illi bil-laser jiġru l-affarijiet illi ġara fuqi, però ma semmiex lil Dr. Vella”[12]. In kontro-eżami tgħid li hija marret Moorfields Eye Hospital fir-Renju Unit sabiex tara jekk hemmx soluzzjoni iżda qalulha li ma kienx suġġeriet li ssir xi operazzjoni u dan għaliex fuq is-sodda tal-operazzjoni tkun tajba, iżda l-għada terġa tmur għal kif kienet. Hija tgħid li karti ta’ din il-vista m’għandhiex u lanqas tal-Professur Amerikan m’għandha u lanqas ismu ma tiftakar.

In kontro-eżami tal-20 t’April 2001, ir-rikorrenti spjegat li fid-29 ta' April 1996 hija kienet ippreżentat ittra uffiċċjali kontra Dr. Ivan Vella biss u mhux kontra l-konvenuti l-oħra.Il-kawża ġiet ippreżentata fl-4 ta’ Settembru 1997. Tikkonferma li ittra uffiċċjali kontra l-Isptar u l-Klinika m’għamlitx.

Ir-rikorrenti spjegat li l-involviment tal-isptar kien sabiex taha l-appuntament għall-intervent. Iżda tkompli tgħid li kien hemm diversi

[10] Kontro-eżami tal- 21 ta’ Frar 2001.
[11] Paġna 63 tal-proċess.
[12] Paġna 65 tal-proċess.

nuqqasijiet minn dan l-Isptar u ċioe (a) inħarġet formola li qatt ma kienet ġiet iffirmata minn Carmen Fenech; (b) ġiet indikata l-għajn il-ħażina li fiha kien ser isir l-intervent; (ċ) il-formola iffirmata kienet tindika numru tat-telefon differenti minn tar-rikorrenti; u (d) li l-makkinarju ma kienx *up-to-date*. Ir-rikorrenti tikkonferma li r-responsabbiltà fil-fehma tagħha hija li Dr. Ivan Vella operaha fiżikament f'dak il-post. Hija tgħid li l-irċevuta ħarġet m'għand Summit Eye Laser u nonostante li hija obbligat ruħha li tippreżenta kopja ta' din l-irċevuta baqgħet ma ppreżentatiex.

**Carmel Fenech**, ir-raġel tal-attriċi, xehed permezz ta' affidavit[13] fejn ikkonferma dak li kienet xehdet ir-rikorrenti. Din il-Qorti għalhekk ma tħossx li għandha tirrepeti dak li diġà ġie magħdud iżda ser tirreferi għal dawk il-fatti li ma ġewx imsemmija mir-rikorrenti. Fost dawn hemm il-fatt li Carmel Fenech innota li kienu qegħdin isiru xi xogħlijiet strutturali fil-klinika u fil-kamra li kienet qiegħda fiha r-rikorrenti tistenna u kienu kontinwament għaddejjin il-ħaddiema mimlija trab. Ix-xhud jgħid li saħansitra l-infermiera dehret urtata bil-konfużjoni u l-istorbju u t-trab li dawn il-ħaddiema kienu qegħdin jiġġeneraw. Spjega wkoll li dakinhar tal-intervent, huwa u r-rikorrenti saru jafu mill-pazjenti l-oħra li kienu qegħdin jistennew għat-trattament, li kienu saru xi taħditiet u tqassmu xi fuljetti b'tagħrif rigward il-laser ġranet qabel ma wieħed jiddeċiedi li jagħmel it-trattament. Carmel Fenech jgħid ukoll li xi ftit żmien wara l-intervent saru jafu li Dr. Ivan Vella kien opera lil ċertu Carmen Fenech mir-Rabat u t-trattament ukoll ma kienx irnexxa tant li din il-pazjenta l-oħra spiċċat b'*retinal detachment*.

**Mary Agius**, l-infermiera li kienet rat lil Carmen Fenech ġewwa l-Klinika ta' St. James qabel l-intervent xhedet fl-14 ta' Marzu 2002. Waqt ix-xhieda tagħha hija spjegat li meta jidħol pazjent hija tfittex il-*file* tal-persuna, tgħidlu jpoġġi bilqiegħda u tispjegalu l-proċedura. Mary Agius qalet li kien ikun hemm ħafna mistoqsijiet mill-pazjenti u

[13] Paġna 70 et seq tal-proċess.

hi dejjem kienet tispjega. Kienet ukoll tqattar minn erba' sa ħames darbiet fl-għajn li kellha tiġi operata. Hija tgħid li Dr. Ivan Vella kien jagħtiha struzzjonijiet ta' x'kellha tagħmel. Ix-xhud tgħid li ma tiftakar xejn speċifiku dwar dak li tallega r-rikorrenti dwar l-identità tagħha u dwar il-qtar li ġew amministrati qabel ma r-rikorrenti ffirmat il-karti u dan għaliex kien għadda ħafna żmien u kienet tara ħafna pazjenti. Biss però tinsisti li qatt ma kien hemm drabi fejn il-qtar kienet tagħmlu qabel ma l-pazjent jimla l-*consent form.* Il-proċedura kienet il-kuntrarju, fejn l-ewwel jiġu ffirmati l-karti imbagħad tibda tqattar. Mary Agius ma tiftakarx li kienu qegħdin isiru xogħlijiet strutturali fil-klinika, għalkemm tgħid li ġieli rat ħaddiema.

Ir-rikorrenti ppreżentat l-affidavit ta' **Carmen sive Charmaine Ebejer** li kienet ukoll ex pazjenta ta' Dr. Ivan Vella u tikkonferma li t-tabib kien qalilha li għajnejha tajbin u li setgħet isir l-Excimer Laser Treatment u li kienet ser tkun ta' suċċess. Din ix-xhud tgħid li Dr. Ivan Vella qatt ma informaha dwar ir-riskji eżistenti f'każ li t-trattament ma jkunx suċċess. Tgħid ukoll li l-*consent form* ingħatat lilha biex tiffirmaha wara li ġew amministrati l-qtar f'għajnejha. Hija xhedet li l-laser adoperat fuqha ma kienx suċċess.

L-attriċi resqet bħala xhud lil **Joseph F. Micallef**, fejn fl-affidavit tiegħu jgħid li huwa ex pazjent ta' Dr. Ivan Vella. Wara li kien qara xi reklami f'gazzetta lokali dwar l-introduzzjoni tal-Excimer Laser Treatment, huwa kien wera interess li jagħmel dan it-trattament. Dr. Ivan Vella wara li eżaminah qallu li huwa kandidat tajjeb għal laser iżda qatt ma spjegalu li setgħa kien hemm xi riskju. Waqt laqgħa li saret ġewwa l-Isptar St. James għal kandidati prospettivi għal dan it-trattament, Dr. Ivan Vella għal mistoqsija ta' Joseph F. Micallef dwar x'kien l-akbar riskju tat-trattament, dan wieġbu li m'hemmx riskju, li setgħa jiġri l-aktar huwa li tibqa' l-istess bħal qabel it-trattament. Hekk kif semgħa dan il-kliem, ix-xhud jgħid li huwa għamel il-qalb u ddeċieda li jagħmel il-laser. Wara li daħal l-isptar għall-intervent, l-infermiera qatritlu f'għajnejh u kien mingħajr nuċċali, bi ħruq

f'għajnejh dmugħ nieżel b'effett tal-istess qtar, l-infermiera newlitlu karta bi kliem fuqha u talbitu jiffirma u indikatlu fejn kellu jiffirma. Huwa jgħid li kien qiegħed jara kollox imżelleġ. Huwa saqsa x'kien fiha l-karta u l-infermiera qaltlu li kienet biss formalita'. Huwa ffirma u dan għaliex ma kienx f'kundizzjoni fiżika ottima, kellu stress mentali ta' qabel l-operazzjoni u l-imbarazzament mill-pazjenti bilqiegħda ħdejh iħarsulu. Wara numru ta' snin sar jaf li dik il-karta li ffirma kienet il-*patient consent form*. Jikkonkludi li l-intervent ma kienx ta' suċċess.

Ir-rikorrenti resqet żewġ xhieda oħra li d-depożizzjoni tagħhom ma kien jitfa' l-ebda dawl fuq il-mertu ta' din l-azzjoni. Hawn il-Qorti qed tirreferi għax-xhieda ta' (a) **Alexander Zammit**, pazjent ta' Dr. Ivan Vella għal tnax-il sena qabel ma ta x-xhieda tiegħu, fejn ċaħad li huwa ippreżenta xi ittra uffiċċjali jew li fetaħ xi proċeduri kontra Dr Ivan Vella u għaliex qatt ma kellu ilment fil-konfront tal-istess tabib; u (b) **Rita Caruana** li tgħid li wara li sarilha t-trattament tal-laser fl-1995 minn Dr. Ivan Vella, kien ħarġilha l-astigmatism u fl-1996 għamlet korrezzjoni għand l-istess tabib.

**Il-konvenut Dr. Ivan Vella** xehed diversi drabi. Huwa jispjega li beda jagħmel il-lasers fl-1994 jew 1995. Meta ġie mistoqsi dwar il-magna użata huwa stqarr li kien għamel diversi riċerki fuq l-aħjar makkinarju u irriżulta li Summit hija l-aħjar. Huwa jgħid li din il-magna kellha l-approvazzjoni tal-FDA (Food and Drug Administration) ġewwa l-Amerka, kif ukoll mill-Kummissjoni Ewropeja. Ix-xhud jikkonferma li kienet din il-magna li kienet intużat fuq Carmen Fenech. Din il-makna kienet proprjetà ta' Summit Eye Laser Limited. Ix-xhud jgħid li ma kienx jaf minn kien imexxi Summit Eye Laser Limited u kien ċert li ma kinitx tiegħu, iżda jikkonferma li huwa kien ġie kkonsultat qabel ġie ppubblikat il-ktieb Excimer Laser Treatment u wkoll minn Summit Eye Laser Clinic u ċioe Dr. Josie Muscat dwar affarijiet tekniċi. Il-ktejjeb li ġie kkonsultat fuqu ma jagħtix informazzjoni dettaljata iżda jagħti tagħrif bażika, biżżejjed għal min hu interessat li jagħmel il-laser. Fix-

xhieda tal-10 ta' Novembru 2009 huwa spjega li l-magna kienet il-proprjetà tiegħu flimkien ma' St. James Health Clinic flimkien. Fix-xhieda tiegħu tas-7 t'April 2005, Dr. Ivan Vella kien qal li huwa ma kellux bżonn permessi tad-Dipartiment tas-Saħħa jew tax-*Chief Government Medical Officer* biex jopera l-magna tal-laser u din rega' ikkonferma waqt ix-xhieda tal-10 ta' Novembru 2009.

Mistoqsi dwar il-qtar li jingħataw qabel l-intervent huwa kkonferma li qatra waħda m'hijiex biżżejjed u l-infermiera tamministra kemm ikun hemm bżonn. Fix-xhieda tiegħu tal-10 ta' Novembru 2009 spjega li l-qtar ma jnaqqasx il-vista iżda imewwet dik l-għajn biex ma tħoss xejn waqt l-intervent. Jgħid ukoll li l-pazjent xorta għandu l-għajn l-oħra t-tajba biex jaqra l-*consent form.* Ġieli jkun hemm il-ħtieġa li tingħata waħda mill-kirurgu stess qabel l-intervent. Wieħed jinduna li l-qtar ikun ħadem hekk kif il-pazjent ma jibqax iħoss il-qatra niżla fuq għajnejh meta tkun qed tiġi amministrata. Ikompli jispjega li nonostante li jingħataw dawn il-qtar, il-pazjent xorta jkun jista' jara minnha. Ikkonferma li l-qtar tal-loppju jingħata biss fl-għajn li ser tiġi operata.

Fir-rigward ta' l-attriċi Carmen Fenech, huwa jikkonferma li huwa kien il-mediku li għamel it-trattament fuqha. Jgħid li wara li għamlilha l-eżamijiet meħtieġa irriżulta li ma kien hemm l-ebda kontra-indikazzjoni u kien għalhekk li informa lir-rikorrenti li kienet tajba sabiex isirilha l-laser. A contrario ta' dak li tgħid ir-rikorrenti, Dr. Ivan Vella jgħid li huwa kien informaha bir-riskji / *side effects* tal-laser, iżda huwa ma kienx spjegalha r-riskji ta' affarijiet oħra. Skontu s-*side effects* li kien spjegalha huma li m'hemm l-ebda garanzija li l-vista ser tiġi kkoreġuta kompletament u li jista' jkun hemm bżonn ta' *retreatment* wara ċertu żmien, jista' jkun l-każ li jkollha tilbes *lenses* f'din l-għajn. Spjegalha wkoll li hemm gradi differenti ta' "corneal haze as well as a variety of visual symptoms such as glare, haloes, etc"[14]. Kien fit-18 ta' Settembru 1995 li r-rikorrenti daħlet għall-intervent, liema intervent kien

[14] Paġna 219 tal-proċess.

"*uneventful*" u ċioe li mar kollox kif suppost. Huwa spjega li wara l-intervent tal-laser, il-vista qatt ma tista' tkun tajba u dan għaliex il-laser isir fuq il-cornea li tkun ġiet iddisturbata, u tieħu daqsxejn taż-żmien sabiex terġa' tiġi postha. Dak li jiġi ċċekkjat wara l-operazzjoni huwa jekk ikunx hemm xi infezzjoni, jew pressjoni u "jekk l-apparenza tagħha hix konsistenti maż-żmien li l-pazjent ikun ilu illi għamel l-intervent"[15]. Minn dawn il-visti ħareġ li r-rikorrenti kienet ħafna aħjar mill-vista u kien jigwidaha kif għandha tkompli bil-qtar.

Huwa jikkonferma li huwa kien invistaha diversi drabi wara l-intervent u kien kuntent bit-trattament li ta lil Carmen Fenech u li l-ilment li kellha li ma kinitx qed tara minħabba l-emorraġija m'hijiex relatata mat-trattament tal-laser. Huwa jgħid li kien f'Jannar tal-1996 li Carmen Fenech kienet informatu li ma kinitx qiegħda tara mill-għajn ix-xellugija. Wara li eżaminha irriżulta li l-cornea, fejn sar l-intervent bil-laser kien kollox tajjeb iżda meta ċċekkja wara r-retina sab li kien hemm Fuchs Macular Haemorrhage li hija taqtira demm fuq iċ-ċentru tar-retina. Huwa jixhed li kien spjegalha x'ġara u ċioe li inqatatilha vina irqieqa fuq ir-retina u hija minħabba hekk li l-vista ċentrali ġiet affettwata. Huwa spjega li din m'għandha x'taqsam xejn mal-laser u dan għaliex dak li kellha kien fuq ir-retina u mhux il-cornea. Huwa nformaha li kellha tistrih biex ma żżidx l-emorraġija u kellha terġa' tmur wara xahar sabiex jiġi determinat jekk il-*leak* waqafx u jiġi determinat jekk hemmx bżonn ta' xi trattament. Dan isir billi jsir *intravenous fluorescein angiography* (IVFA) fejn jiġi injetat ġol-vina tad-driegħ tip ta' żebgħa (dye) li tmur fiċ-ċirkolazzjoni kollha tal-ġisem inkluża l-għajn u għalhekk permezz ta' magna apposta wieħed ikun jista' jindika l-post preċiż fejn huwa d-difett. Meta d-difett jinstab dan ikun jista' jiġi magħluq permezz ta' laser ieħor (Argon Laser). Dan it-trattament ma' setax isir mill-ewwel u dan għaliex kellha tiġi eżaminata s-sitwazzjoni.

[15] Paġna 467 tal-proċess.

Meta mistoqsi dwar il-fatt li huwa kien ser jintervjeni fl-għajn il-ħażina, il-konvenut Dr. Ivan Vella jinnega dan kollu.

Waqt il-kontro-eżami tal-15 ta' Novembru 2013 kien spjega li Carmen Fenech kienet marret għandu għax kienet interessata fl-Excimer Laser Treatment tant li anke missierha kien diġà qallu li bintu kienet interessata f'dak it-trattament. Waqt din ix-xhieda ħareġ ukoll li missier ir-rikorrenti kien jaf lil Dr. Ivan Vella u dan peress li kien u għadu saż-żmien li ingħatat ix-xhieda l-awditur tat-tabib. Waqt din il-kontro-eżami wkoll jispjega b'mod ripetut li l-proċedura li intużat fuq Carmen Fenech ma tistax toħloq *retina detachment* u anqas difett ieħor fir-retina għaliex il-proċedura ssir fuq il-cornea. Jinsisti wkoll li kien biss fis-26 ta' Jannar 1996 li informatu li l-vista ċentrali kienet naqsitilha b'mod konsiderevoli u kien għalhekk li kien dakinhar biss li huwa għamel l-eżamijiet meħtieġa fejn kien irriżulta li l-vista kienet verament naqqsitilha b'mod drastika. Qabel kienet tgħidlu li għandha uġigħ u tingiż f'għajnejha iżda huwa spjega li dik hija normali wara l-intervent bil-laser. Jikkonferma li fis-17 ta' Novembru 1995, l-emorraġija ma kinitx hemm għaliex kienet qed taqra mic-chart.

Dr. Ivan Vella spjega li l-*foster-fuchs spot* hija komuni f'min hu *short sighted* u tiġi f'qasir żmien, fejn ikun hemm *leak* minn arterja wara r-retina. Xhed li kien spjega lill-attriċi din id-dijanjosi, iżda r-reazzjoni tagħha kien li din kienet komplikazzjoni minħabba l-laser, iżda huwa spjegalha li dak mhux il-każ u dan għaliex il-laser jaħdem fuq il-cornea u mhux ir-retina; il-laser ma jippenetrax sar-retina. Jispjega li "m'hemm xejn fl-evidenza xjentifika, [...] illi kundizzjonijiet bħala Foster-fuchs spot huma relatati ma' l-intervent tal-laser".[16]

Waqt **il-kontro-eżami** tal-14 t'Ottubru 2011, il-konvenut Dr. Ivan Vella spjega li l-"laser treatment jissejjaħ *surface ablation* u l-unika parti ta' l-għajn li tiġi ttrattata u affettwata bil-laser hija l-parti

[16] Paġna 468 tal-proċess.

superfiċjali tal-cornea (ossia l-qoxra – il-parti ta' quddiem ta' l-għajn) u l-ammont ta' cornea li tiġi affettwata jvarja bejn ħxuna ta' xagħra jew tnejn. Lil hemm minn din il-ħxuna minn din il-parti ta' l-għajn, ma kemm [hemm] l-ebda effett mil-laser fuq l-għajn".[17]

Fil-15 ta' Jannar 2013 xhed **Dr. Josie Muscat** fejn spjega li fl-1995 St. James ma kinitx kumpanija imma klinika fejn il-konsulenti kienu jagħmlu użu mill-faċilitajiet tal-klinika u l-kmamar sabiex jagħmlu l-operazzjonijiet. Jispjega li huwa ma kellu l-ebda involviment professjonali magħhom. Fi kliemu "kont prattikament sid il-kera u l-qligħ tiegħi kien jiġi minn testijiet jew operazzjonijiet illi dawn kienu jagħmlu, peress illi jiena kont nikrilhom il-faċilitajiet"[18]. Min-naħa l-oħra huwa kellu involviment fis-Summit Eye Laser Clinic, fejn l-involviment tiegħu kien fix-xiri tal-magna u l-ebda involviment professjonali bħala tabib fl-ebda stadju tal-kura ta' l-għajnejn. L-investiment fil-magna ta' Summit Eye Laser Clinic kien sar bejn St. James u Dr. Ivan Vella.

**Jean Claude Muscat** xhed permezz ta' affidavit ippreżentat fis-27 ta' Jannar 2014, fejn fih jispjega b'mod dettaljat l-operat tal-klinika. Huwa jispjega li f'Lulju 1994 Dr. Ivan Vella u Dr. Josie Muscat kienu waqfu bejniethom il-kumpanija bl-isem Summit Eye Laser Clinic Ltd fejn id-diretturi kienu huma t-tnejn. Fil-15 ta' Novembru 2001 St. James Hospital Ltd kienet akkwistat din il-kumpanija u l-isem inbidlilha għal St James Eye Clinic Ltd. Fi żmien in kwistjoni l-klinika Summit Eye Laser kienet proprjetà tal-kumpanija Summit Eye Laser Clinic Ltd, liema kumpanija kienet ukoll responsabbli mit-tmexxija tagħha. Il-kumpanija akkwistat il-magna Excimer Laser. Din kienet fil-proċess li tiġi approvata mill-FDA li ġiet eventwalment approvata.

[17] Paġna 467 tal-proċess.
[18] Paġna 477 tal-proċess.

Din il-klinika ppubblikat *leaflet* biex tgħarraf il-pubbliku bis-servizz ġdid f'Malta. Min kien jistaqsi dwar dan it-trattament kienu jingħataw appuntament biex jattendi lecture dwar is-suġġett. Dawn il-lectures kienu jingħataw prinċiparjament minn Dr. Ivan Vella, f'liema lectures kienet tingħata spjegazzjoni dwar l-anatomija tal-għajn u jiġi spjegat fid-dettal kif isir it-trattament. Jingħata informazzjoni wkoll dwar il-benefiċċju u riskju tat-trattament. Waqt dawn il-lectures dawk preżenti setgħu jagħmlu l-mistoqsijiet tagħhom. Dawk interessati jingħataw appuntament biex jarahom il-konsulent u jekk ikun hemm xi diffikultajiet jista' jsaqsihom dak il-ħin. Jingħata appuntament għal-laser u qabel ma jsir it-trattament, l-pazjenti jirreġistraw kif ukoll timtela *consent form*. L-infermiera tipprepara l-għajn tal-pazjent billi tqattarlu qtar anestetiku u tgħaddi l-fajl tal-pazjent lill-oftalmologu.

Ikkunsidrat;

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**.

**Eċċezzjoni tal-Preskrizzjoni**

L-ewwel eċċezzjoni sollevata mill-intimati hija dik li l-azzjoni tar-rikorrenti hija preskritta ai termini tal-**Artikolu 2153 tal-Kap. 16.** Dan l-artikolu jipprovdi li: "L-azzjoni għall-ħlas tal-ħsarat mhux ikkaġunati b'reat taqa' bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' sentejn." Mill-provi irriżulta li l-intervent sar fit-18 ta' Settembru 1995, intbagħtet ittra uffiċċjali lil Dr. Ivan Vella biss fid-29 t'April 1996 u l-azzjoni ġiet ippreżentata fl-4 ta' Settembru 1997.

Sabiex jiġi determinat jekk dan Artikolu 2153 huwiex applikabbli, il-Qorti għandha teżamina jekk ir-responsabiltà tat-tabib għandhiex tiġi kkunsidrata taħt aspett ta' kważi delitt (fejn il-preskrizzjoni huwa ta' sentejn) jew kuntratt (fejn il-preskrizzjoni hija dik ta' ħames snin).

In tema legali ssir referenza għas-sentenza **Rose Gauci et vs. Mr Donald Felice et** (App. Ċiv. Nru 1311/1999) deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-31 t'Ottubru 2008 fejn ġie ppronunzjat illi r-relazzjoni bejn il-pazjent u t-tabib kuranti hija waħda ta' natura kontrattwali:-

"Hu veru li kuntratt jehtieg il-kunsens ta' zewg partijiet, izda hu veru wkoll li dan il-kunsens jista' jkun tacitu, u anki implicitu, basta tkun tezisti l-volonta` fil-partijiet li jassumu l-obbligazzjonijiet fil-konfront ta' xulxin. Meta pazjent jersaq lejn tabib anke jekk dan it-tabib ikun imhallas mill-Gvern biex ikun ghas-servizz tal-poplu, dak il-pazjent ikun qed ipoggi l-bzonnijiet tieghu f'idejn dak it-tabib u meta t-tabib jaccetta li jaghti s-servizz tieghu, ikun qed jintrabat fil-konfront ta' dak il-pazjent – li jaqdi d-doveri tieghu skond l-ahjar hila tieghu. Jista' jinghad li tabib impjegat mal-Gvern ma jistax jirrifjuta li jaqdi pazjent, pero` jekk hu hekk, l-ghazla jkun ghamilha meta mpjega ruhu mal-Gvern, u inoltre, tabib, allavolja impjegat, jibqa' professjonist u jekk ikun rinfaccjat b'kaz li mhux tal-hila tieghu, ghandu obbligu jghaddi l-kaz lil tabib aktar kompetenti minnu f'dik il-materja, u dan l-istess bhal kull tabib privat. Meta tabib, avolja impjegat, jaccetta li jikkura pazjent, jidhol f'relazzjoni diretta mieghu, relazzjoni kuntrattwali li tista' twassal ghall-hlas tad-danni f'kaz ta' inadempjenza."

Dan it-tagħlim baqa' jiġi segwiet f'diversi sentenzi oħra fosthom fil-kawżi fl-ismijiet **Linda Busuttil et vs. Dr. Josie Muscat et** (App. Ċiv. Nru 2429/1998/1) deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Ġunju 2014; u **Joseph Micallef vs. Dr. Ivan Vella et** (Ċit Nru 1951/1997MC) deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 t'April 2013.

Fid-dawl tal-premess, il-preskrizzjoni invokata mill-intimati hija inapplikabbli għal dan il-każ u qed tiġi għalhekk miċħuda l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni.

**Persuna ġuridika u leġittimu kontradittur**

Eċċezzjoni identika bħal dik in diżamina ġiet sollevata f'żewġ kawżi deċiżi minn din il-Qorti diversament preseduta fit-30 t'April 2013 li l-mertu huwa wieħed identiku għal kawża odjerna u ċioe **Carmen sive Charmaine Ebejer vs. Dr. Ivan Vella et** (Ċit Nru 1957/1997MC) u **Joseph F. Micallef vs. Dr. Ivan Vella et** (Ċit Nru 1951/1997MC). F'dawn iż-żewġ sentenzi (mil-liema sentenzi ma sar l-ebda appell) saru s-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Gie eccepiet illi Summit Eye Laser Clinic ma hix persuna guridika peress illi dan il-clinic li hu awtonomu minn St. James Health Centre jitmexxa minn kumpanija Summit Eye Laser Clinic Limited.

In kwantu ghal St. James Health Centre, din hi proprjeta ta' St. James Health Centre Limited.

Jean Claude Muscat ikkonferma li l-kumpanija Summit Eye Laser Clinic Limited twaqqfet f'Lulju 1994 u d-diretturi taghha kienu Dr. Vella u Dr. Muscat. Din il-kumpanija giet akkwistata fl-2001 minn St. James Hospital Limited u l-isem inbidel ghal St. James Eye Clinic Limited.

Ghalhekk in kwantu ghal Summit Eye Laser Clinic jidher li Dr. Josie Muscat hu iccitat hazin u ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

In kwantu pero ghal St. James Health Centre ghalkemm Jean Claude Muscat ighid li din kienet titmexxa mill-kumpanija St. James Health Centre Limited u iktar tard l-isem inbidel ghal St. James Hospital Holdings Limited, Dr. Josie Muscat meta xehed qal li St. James f'Haz-Zabbar kien tieghu personalment f'dak iz-zmien pero St. James ma kellu x'jaqsam xejn mal-kumpanija Summit Eye Laser Clinic Limited u l-unika konnessjoni kienet li l-imsemmija socjeta kienet tuza kamra minn St. James u hu ma kellu x'jaqsam xejn mal-intervent hlief li kien shareholder tal-kumpanija Summit Eye Laser Clinic Limited. Jean

Claude Muscat izid illi l-makkinarju fil-fatt inxtara minn Summit Eye Laser Clinic Limited u kien proprjeta taghha.

Kwindi hawn ukoll ma hemm ebda konnessjoni bejn St. James Health Centre u l-attur fejn jirrigwarda responsabilta o meno ghal dak li allegatament sehh lilu billi l-konnessjoni kienet biss bejnu, il-kirurgu u semmai l-kumpanija li kienet tmexxi s-Summit Eye Laser Clinic cioe Summit Eye Laser Clinic Limited. Il-fatt li ghall-intervent mar St. James Health Centre mnejn kienet topera Summit Eye Laser Clinic limited ma jbiddel xejn sakemm ma jigix pruvat konnessjoni legali jew ekonomika bejn Summit Eye Laser Clinic Limited u St. James Health Centre fl-operat tal-istess Summit Eye Laser Clinic Limited liema prova ma saritx u kien jinkombi fuq l-attur li jippruvaha. Ghalhekk anki din l-eccezzjoni qed tigi milqugha u St. James Health Centre kif citata bhala rapprezentata minn Dr. Joseph Muscat ma ghandha ebda rabta legali mal-attur stante li l-ilmenti mressqa mill-attur ma humiex diretti ghal xi nuqqas ta' St. James Health Centre izda lejn l-operat tal-kirurgu u minn kien imexxi l-Eye Clinic li kif jirrizulta l-ebda wahda minnhom ma kienet taqa' b'xi mod fir-responsabilta jew b'xi partecipazzjoni allura ta' St. James Health Centre."

Ikkunsidrat;

Ix-xhieda ta' Jean Claude Muscat għalkemm ma jsemmix fl-affidavit tiegħu[19] li St. James Health Centre kienet titmexxa mill-kumpanija St. James Health Centre Limited u iktar tard l-isem inbidel ghal St. James Hospital Holdings Limited kif ġie kwotat fiż-żewġ kawżi suċċitati, il-kumplament tax-xhieda hija identika. L-istess fir-rigward ta' Dr. Josie Muscat u ċioe x-xhieda hija waħda identika. Din il-Qorti taqbel mal-konsiderazzjonijiet hemm magħmula u qegħda tilqa' t-tieni u t-tielet eċċezzjoni ta' Dr. Josie Muscat in rappreżentanza tas-St James Health

[19] Paġna 413 tal-proċess.

Centre u t-tieni eċċezzjoni ta' Dr. Ivan Vella u Dr. Josie Muscat in rappreżentanza tas-Summit Eye Laser Clinic.

**L-Obbligu ta' Informazzjoni lill-Pazjent Qabel l-Intervent.**

Fix-xhieda tagħha l-attriċi temfasizza li Dr. Ivan Vella naqas milli jgħidilha r-riskji li kellu l-intervent bil-laser, tant li anke ppreżentat żewġ affidavits ta' ex-pazjenti li kienu taħt il-kura ta' Dr. Ivan Vella li fihom jallegaw l-istess affarijiet. Min-naħa tiegħu Dr. Ivan Vella jiċħad dan u jgħid li kien informaha bir-riskji li hemm konnessi mal-intervent bil-laser[20], jispjega wkoll iżda li huwa ma jistax jinformaha b'riskji li m'humiex konnessi mal-intervent. L-intimat Vella jsemmi wkoll li "m'hemm xejn fl-evidenza xjentifika, [...] illi kundizzjonijiet bħala Foster-fuchs spot huma relatati ma' l-intervent tal-laser".[21]

**Perizja Medika.**

Diversi riskji li semma' Dr. Ivan Vella fix-xhieda tiegħu ġew ukoll imsemmija mill-espert mediku inkarigat mill-Qorti u dawn huma:

- "Overcorrection: Patient from being short-sighted becomes long sighted
- Undercorrection: Patient retains some of his original refractive error
- Central islands: Uneven surface of the cornea causing double or blurred vision
- Decentrered ablation: Reshaping of the cornea is eccentric
- Dry eye: Require [the use of] artificial tears
- Corneal haze: causing misty vision – usually transient
- Complication of the postoperative steroids use: May cause glaucoma
- Persistent corneal defects: Epithelium does not heal properly
- Corneal ulcer: Infection of the cornea

[20] Xhieda mogħtija fl-10 ta' Novembru 2009, paġna 194 et seq tal-proċess; xhieda tal-15 ta' Novembru 2013, paġna 390 et seq tal-proċess; xhieda tal-14 t'Ottubru 2010, paġna 465 et seq tal-proċess.
[21] Paġna 468 tal-proċess.

- Irregular astigmatisms: Irregular refractive error impossible to correct conventionally”[22]

L-espert mediku jagħmel ukoll nota taħt din il-lista li taqra hekk: “*the sub retinal neovascular macular membrane or Fuchs spot is not recognised as a complication of photorefractive keratectomy (PRK) in the Ophthalmologic literature*”. Dan jikkorrobora dak li fil-fatt qal l-intimat Dr. Ivan Vella kif fuq indikat.

Rigward l-ammont ta’ informazzjoni li għandha tingħata lil kull pazjent qabel intervent mediku ġiet trattata fid-dettal mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet **Frankie Zerafa et vs. Olga Avramov et**[23]:

"L-atturi jilmentaw ukoll min-nuqqas ta' informazzjoni dwar ir-riskju inerenti fl-intervent. Huma jilmentaw li t-tabib Dr Felice serhilhom rashom li, wara l-intervent, ma kienx se jkollhom aktar tfal. Dr Felice, min-naha l-ohra, stqarr li hu spjega lill-attrici li l-intervent li kien ippropona kellu jservi biss biex inaqqas il-possibilita` ta' fertilita` u li xejn "m'hu mija fil-mija.

Din il-Qorti ma tarax ghaliex m'ghandhiex temmen lit-tabib, pero`, f'kull kaz, mehud kont tal-fatt li r-riskju ta' fertilita` wara intervent kirurgiku huwa remot (kaz f'elf jew f'elfejn, skond l-istat ta' fertilita` tal-mara), ma hux daqshekk ammess li t-tabib ghandu obbligu jaghti wkoll din it-tip ta' informazzjoni. Din il-Qorti rravvizat <u>obbligu</u> ta' informazzjoni komplut u dettaljat f'kaz ta' intervent estetiku (**Sammut v. Fenech**, deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Dicembru 2006), pero` f'kaz ta' intervent kirurgiku ta' tip differenti, ma jidhirx li s-sitwazzjoni hija necessarjament l-istess.

[22] Paġna 650 tal-proċess.
[23] Appell Ċivili Nru 1000/2002 deċiża fit-30 ta’ Mejju 2008.

Fl-Ingilterra, il-kwistjoni tidher li giet dibattuta fil-kaz **Bolam v. Friern Hospital Management Committee**, deciza fl-1957. Fil-ktieb ta' **Margaret Brazier** "Medicine, Patients and the Law" (1987 Edit., pagna 60) intqal hekk fuq dan il-kaz;

*"Mr Bolam agreed to electro-convulsive therapy to help improve his depression. He suffered factures in the course of the treatment. The risk was known to his doctor. He did not tell Mr Bolam. Mr Bolam alleged that the failure to warn him of the risk was negligent. The judge found that the amount of information given to Mr Bolan accorded with accepted medical practice in such cases and dismissed Mr Bolam's claim. He added that even if Mr Bolam has proved that the doctor's advice was inadequate he would only have succeeded if he could have further proved that given better information he would have refused his consent to the treatment. The test of negligence was the test of generally accepted medical pratice."*

Sussegwentement, il-kwistjoni regghet giet ghall-konsiderazzjoni tal-House of Lords fl-Ingilterra fil-kaz **Sidaway v. Board of Governors of the Bethlem Royal and the Maudsley Hospital**, li giet deciza fl-1985. Fil-ktieb fuq imsemmi, hekk intqal in konnessjoni ma' dan il-kaz:

*"Mrs Sidaway sued both Mr Falconer and the Maudsley Hospital. She did not suggest that the operation had been performed otherwise than skilfully and carefully. Her complaint was this. The operation to which she agreed involved two specific risks over and above the risk inherent in any surgery under general anaesthesia. These were (1) damage to a nerve root, assessed as about a 2 per cent risk, and (2) damage to the spinal cord, assessed as less than a 1 per cent risk. Alas for Mrs Sidaway, that second risk materialized and she consequently suffered partial paralysis. She maintained that Mr Falconer never warned her of the risk of injury to the spinal cord.*

.....

*What principle governed the doctor's obligation to advise patients and to warn of any risks inherent in surgery or treatment recommended by the doctor? The majority of their Lordships endorsed the traditional test enunciated in the case of Mr Bolam nearly thirty years before. The doctor's obligation to advise and warn his patient was part and parcel of his general duty of care owed to each individual patient. Prima facie, providing he conformed to a responsible body of medical opinion in deciding what to tell and what not to tell his patient he discharged his duty properly. There being evidence that while some neurosurgeons might warn some patients of the risk to the spinal cord many chose not to, Mrs Sidaway's case was lost.*"

Kaz iehor li tressaq quddiem il-Qorti ta' l-Appell fl-Ingilterra huwa **Blyth v. Bloomsbury Health Authority**, deciza fl-1987. F'din il-kawza gie sottomess li jekk il-pazjent isaqsi lit-tabib informazzjoni dwar l-intervent propost, it-tabib ghandu obbligu li jaghti l-informazzjoni kollha relattiva. Il-Qorti ta' l-Appell, pero`, ma qablitx ma' dan l-argument, u Lord Caplan ghamel din l-osservazzjoni:

"*In my view ... the appropriate tests to apply in medical negligence cases are to be found in Hunter v. Hanley and Bolam ... As I see it, the law in both Scotland and England has come down firmly against the view that the doctor's duty to the patient involves at all costs obtaining the informed consent of the patient to specific medical treatments ... I can read nothing in the majority view in Sidaway which suggests that the extent and quality of warning to be given by a doctor to his patient should not in the last resort be governed by medical criteria*."

It-test, kwindi, jidher li hu dipendenti fuq "*generally accepted medical practice*"; it-tabib mhux obbligat li jaghti lill-pazjent l-informazzjoni kollha mehtiega relatata ma' l-intervent, izda dik l-informazzjoni li, skond il-pratika professjonali, ghanda tinghata. F'dan il-kaz ma jirrizultax li hija "*accepted medical practice*" li pazjenta li se jsirilha

*tubal ligation* ghandha tkun informata wkoll dwar ir-riskju remot li tista' xorta wahda tohrog tqila; prova f'dan is-sens ma saritx mill-atturi li kellhom l-oneru juru li t-tabib kellu l-obbligu jaghti dik l-informazzjoni partikolari.

Il-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fis-sentenza tagħha **Vanessa Sammut et vs Dr. Charles Fenech** (App. Ċiv. Nru 289/1998) deċiża fl-1 ta' Diċembru 2006, tagħmel referenza għal ktieb '**Law and Medical Ethics**' ta' Mason & Mc Call Smith (Butterworths, 3rd Ed.), fejn jingħad, f'paġna 248, li biex jiġi deċiż x'għandu jingħad lill-pazjent, it-test li soltu jiġi segwit huwa dictum ta' Woodhouse J. fil-kawza **Smith v. Auckland Hospital Board,** deċiża mill-Qorti tal-Appell ta' New Zealand fl-1965. It-test ġie espress hekk:

'As it seems to me, the paramount consideration is the welfare of the patient and, given good faith on the part of the doctor, I think the exercise of his discretion in the area of advice must depend upon the patient's overall needs. To be taken into account should be the gravity of the condition to be treated, the importance of the benefits to be expected to flow from the treatment or procedure, the need to encourage him to accept it, the relative significance of its inherent risks, the intellectual and emotional capacity of the patient to accept the information without such distortion as to prevent any rational decision at all, and the extent to which the patient may seem to have placed himself in his doctor's hands with the invitation that the latter accept on his behalf the responsibility for intricate or technical decisions.'

Ikkonsidrat;

Qabel ma l-konvenut Dr Vella iddeċieda jekk l-attriċi setgħetx toqgħod għall-intervent huwa għamel a *pre-laser ophthalmic examination*. Kien in segwitu għal dan l-eżami li huwa ikkonkluda li r-rikorrenti tista' tagħmel il-laser u kien tal-opinjoni professjonali li l-eżitu tal-intervent kien ser ikun utli għaliha.  Informa lill-attriċi b'dan u jiċħad dak li

xhedet l-attriċi li ma kienx informaha bis-side effects u riskji inerenti f'dan it-tip ta' intervent mediku. Dr Vella xhed li s-*side effects* li kien spjegalha huma li m'hemm l-ebda garanzija li l-vista ser tiġi kkoreġuta kompletament u li jista' jkun hemm bżonn ta' *retreatment* wara ċertu żmien, jista' jkun l-każ li jkollha tilbes *lenses* f'din l-għajn. Spjegalha wkoll li hemm gradi differenti ta' "corneal haze as well as a variety of visual symptoms such as glare, haloes, etc"[24].

Il-Qorti qed taċċetta l-verżjoni tal-konvenut Dr Vella fir-rigward. Konsegwentement qed tiddeċiedi illi l-attriċi kienet taf bir-riskji inerenti għal tali intervent pero" daqstant ieħor kienet ottimista li bil-fiduċja li għandha lejn il-konvenut Vella bħala professjonist mediku l-istess konvenut kien ser jagħmlilha l-aħjar li jista' professjonalment biex itejbilha l-kundizzjoni tal-vista tagħha.

Għalhekk il-Qorti qed tiddeċiedi illi ma ġiex ippruvat li l-konvenut Dr Vella naqas f'dan ir-rigward.

**L-Allegata konfużjoni bejn l-attriċi u pazjenta oħra u l-iffirmar tal-consent form.**

Kif ħareġ mix-xhieda fuq indikata, l-attriċi xhedet meta daħlet fil-klinika għall-intervent, kien hemm xi taħwid fil-fajl personali tagħha ma' ta' ħaddieħor bl-istess isem. Nonostante li r-raġel tar-rikorrenti jgħid li saru jafu li Dr. Ivan Vella kellu pazjenta bl-istess isem u li din toqgħod ir-Rabat, ebda prova ta' dan ma nġabet u għalhekk il-Qorti m'hijiex sejra tintilef fuq din l-allegazzjoni.

L-attriċi tilmenta wkoll li ingħatat il-*consent form* wara li kienet ingħatat il-qtar tal-loppju f'għajnejha. Però l-intimat Dr. Ivan Vella jispjega li l-effett tal-loppju huwa li jmewwet l-għajn u mhux li jneħħi l-vista mill-għajn u għalhekk wieħed xorta jkun jista' jaqra. Spjega

[24] Paġna 219 tal-proċess.

wkoll li għalkemm jista' wieħed jara xi ftit ċpar hekk kif tiġi amministrata l-qatra, dan iċ-ċpar jitlaq eventwalment u barra minn hekk dejjem hemm l-għajn li fiha mhux qed jiġi amministrat qtar.

Il-Qorti ma ssibx li ġiet ippruvata xi negliġenza fl-operat tal-kirurgu u l-provi ma jwasslux lil Qorti tikkonkludi li r-rikorrenti ġiet b'xi mod ingannata jew mġiegħelha tiffirma għal xi ħaġa li ma kinitx taf biha qabel, jew li ma għarfitx l-import tagħha qabel ma ffirmat tenut kont li r-riskji kienu ġew spjegati lilha qabel l-operazzjoni, liema riskji però ma kinux jinkludu *distorted retina / distorted vision*. Hemm ukoll it-testimonjanza tal-infermiera li ħadet ħsieb lill-attriċi qabel l-intervent li tikkontradixxi dak li xhedet l-attriċi fir-rigward.

Il-Qorti qed tikkonkludi li mill-atti ma jirriżultax li din l-allegazzjoni ġiet ippruvata.

**Intervent sar b'makkinarju mhux approvat mill-awtoritajiet**

L-attriċi tilmenta li l-magna li uża l-konvenut Dr Vella għal Excimer Laser fuq għajnejha ma kinitx approvata minn Food and Drugs Administration (FDA). Min-naħa l-oħra l-konvenut Dr. Ivan Vella jsostni li l-makkinarju użat kien jintuża ġewwa l-Kanada kif ukoll ġewwa l-Ewropa u eventwalment anke ġiet approvata mill-FDA. Hu jgħid ukoll li qatt ma kellu bżonn awtorizzazzjoni mill-awtoritajiet Maltin sabiex jixtri dan il-makkinarju jew sabiex jagħmel użu minnu.

Lanqas dan l-ilment tal-attriċi ma hu fondat. Imkien ma jirriżulta illi sabiex tali apparat mediku jintuża hawn Malta kien meħtieġ l-approvazzjoni ta' awtorita' estera kif qed tippretendi l-attriċi. Kif qalet ben tajjeb din il-Qorti diversament preseduta fil-kawża suċċitata fl-ismijiet **Joseph F. Micallef vs. Dr. Ivan Vella et** "dan l-ilment tal-attur ma hux utili ghal pretensjoni tieghu. Fl-ewwel lok l-attur naqas li jghid ghalfejn socjeta Maltija li qed tuza l-apparat f'Malta ghandha tistenna l-approvazzjoni tal-FDA Amerikan biex tuza tali makkinarju. [...] Din

il-makna kienet ilha tintuza u iccertifikata fl-Ewropa mnejn inxtrat u fl-Ingilterra kienet ilha tintuza mill-1988.” In oltre, ir-rikorrenti naqset milli tressaq lil xi ħadd mill-awtorità kompetenti ġewwa Malta sabiex jikkonferma l-allegazzjoni tagħha li kien jeħtieġ liċenzja għax-xiri u l-użu ta’ dik il-magna.

Huwa għalhekk ukoll li dan l-ilment qed jigi dikjarat bħala infondat.

**In Nuqqas ta' Kawża u Effett bejn l-intervent mediku u l-kundizzjoni medika li minnha qed tilmenta r-Rikorrenti.**

L-espert mediku għamel is-segwenti osservazzjonijiet:

"According to the local and International Ophthalmic knowledge, sub rental membrane is not a recognized complication of PRK. In addition there is a 4 month gap from the day of the surgery and examination by Mr. I. Vella where he found macular haemorrhage and an even longer gap where she was examined by Mr. T. Fenech.

It is therefore impossible to establish when exactly the subretinal membrane developed. Also subretinal vascular membrane and Fuch’s spot are well known complication of high myopia and not recognized as a complication of PRK. Therefore it is practically impossible to find a direct correlation between PRK and the development of sub retinal membrane. The only connection is the fact that it did developed in close time correlation with the laser procedure"

Għalhekk huwa kkonkluda li “***the laser treatment cannot be considered as a direct cause of this complication in spite of the fact that the sub retinal membrane developed within a few months after the laser surgery”.***

Huwa minnu li skont l-**Artikolu 681 tal-Kapitolu 12** il-Qorti ma hijiex marbuta li taċċetta l-konklużjonijiet tar-rapport tal-perit kontra l-

konvinzjoni tagħha nfisha u li, bħal materjali istruttorji oħrajn huma kontrollabbli mill-ġudikant, , "*dan però ma tistax tagħmlu b' mod leġġer jew kapriċċjuz. Il-konvinzjoni kuntrarja tagħha kellha tkun ben informata u bażata fuq raġunijiet li gravement ipoġġu fid-dubbju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b'raġunijiet li ma għandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjoni ta' l-aspett tekniku tal-materja taħt eżami*'[25].

Ġie wkoll sewwa ritenut fil-kawża **Benjamin Camilleri *nomine* vs Charles Debattista *nomine*** *(Ċit Nru 413/1988)*, deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta' Frar 2001 illi:

"*f'ċirkostanzi bħal dawn ikun prużuntuż għall-ġudikant illi jiddipartixxi bla raġuni verament valida mir-relazzjoni peritali. Dana mhux biss għax ma kellux il-mezzi għad-disposizzjoni tiegħu biex serenement jinoltra ruħu fl-aspetti tekniċi tal-meritu, imma wkoll għaliex neċessarjament tkun tonqsu dik il-konoxxenza meħtieġa biex, b' mod kritiku, jasal għal konvinċiment divers minn dak li jkunu waslu għalih l-esperti minnu nominati.*"

Fil-kawża **Champalin Company Limited vs Emmanuel Debono et** (Ċit Nru 1319/1998JRM) deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-1 ta' Marzu 2004 ingħad illi:

"*Ir-raġunament imfisser tant tajjeb fir-rapport imressaq minnu jikkostitwixxi determinazzjoni ta' fatt li din il-Qorti sejra toqgħod fuqu għaliex, għalkemm dictum expertorum numquam transit in rem judicatam, il-konklużjonijiet ta' perit tekniku jikkostitwixxu prova u mhux sempliċi opinjoni jew suspett. Tali fehmiet għandhom is-saħħa ta' prova bħal kull prova oħra ammissibbli fil-liġi, u jibqgħu jgawdu din il-kwalita' sakemm ma jiġux kontestati, jew permezz ta' provi oħrajn kuntrarji għalihom jew inkella b'sottomissjonijiet serji u tajbin*

[25] **Philip Grima vs. Carmelo Mamo et nomine**, deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fid-29 ta' Mejju 1998.

*biżżejjed li juruhom bħala fehmiet inattendibbli u li ma jitwemmnux [App Civ 9/2/2001 – Camilleri vs Debattista]. Għalkemm il-Qorti m'hijiex marbuta li toqgħod għal fehmiet ta' perit minnha maħtur kontra l-konvinzjoni tagħha nnifisha [Kap 12 Art 681], madankollu l-giudizio dell'arte ma jistax u m'għandux jitwarrab faċilment, sakemm ma jkunx jidher b'mod ċar li l-fehmiet u konklużjonijiet tal-perit huma irraġonevoli [App Civ 23/6/1967 Bugeja vs Muscat et].*"[26]

Ikkunsidrat;

Kif jirriżulta mill-atti, il-qofol tal-mertu tal-kawża odjerna huwa essenzjalment tekniku fil-kamp tal-kirurġija medika. Il-konklużżjonijiet tal-espert mediku nominat mill-Qorti huma ċari u kif rajna mill-ġurisprudenza ċitata għandhom piż probatorju notevoli. Sabiex l-attriċi ixxejjen il-konklużżjonijiet peritali kien jeħtiġilha tressaq provi sabiex turi li tali konklużżjonijiet huma manifestament erronji. Kif jirriżulta mill-atti, l-attriċi ma resqet l-ebda prova li tikkontradixxi jew almenu tinnewtralizza l-analiżi u l-konklużżjonijiet tal-espert mediku ġudizzjarju. Jiġi osservat illi hija naqset milli tressaq bħala xhieda l-konsulenti li hija tgħid li marret għandhom - lill-Professur Amerikan li bqajna ma smajniex x'jismu u lanqas lil Dr. Frank Poretlli. Lanqas lil Mr. Thomas Fenech u lill-konsulent mediku tagħha minn Moorfields Eye Hospital ma tressqu bħala xhieda. L-unika prova teknika/medika li hemm fil-proċess, oltre dik tal-espert mediku, hija dik tal-istess konvenut Dr. Ivan Vella. Fid-dawl tal-premess il-Qorti ma ssib l-ebda raġuni għaliex għanda twarrab il-konklużżjonijiet raġġunti mill-perit mediku nominat mill-Qorti.

Għaldaqstant il-Qorti qed tagħmel tagħha l-konklużżjonijiet milħuqa mill-perit mediku.

[26] Ara wkoll **Philip Grima vs. Carmelo Mamo et** deċiża fid-29 ta' Mejju 1998; **Geswalda Caruana vs. Francis Xerri** (App. Ċiv. Nru. 46/2010) deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Mejju 2014.

Dak li hu mistenni minn tabib hu li jżomm ruħu aġġornat bl-avvanzi fil-mediċina, u fil-każ konkret li jkollu quddiemu, jeżerċita d-diliġenza li professjonist speċjalizzat huwa mistenni li jeżerċita. It-test li l-Qorti għandha tagħmel hu neċċessarjament wieħed oġġettiv, fis-sens li wieħed għandu jara kif kien jeżerċita l-intervent mediku tiegħu speċjalista professjonist normali, bid-*degree of skill* li huwa mistenni minnu. .

Il-Qorti tal-Appell fil-kawża fl-ismijiet **Tessie Ellul et vs. Dr. Astrid Camilleri**[27] trattat il-livell ta' responsabbiltà tat-tobba fl-eżerċizzju tal-professjoni tagħhom u kellha dan xi tgħid:

"[...] filwaqt li t-tabib ikun irid jipprova li hu agixxa kif il-professjoni tistenna minnu, il-pazjent irid juri, fl-ewwel lok, li gara xi haga hazina waqt l-intervent kirugiku, xi haga, jigifieri, mhux mistennija li ssehh f'operazzjoni ta' dik ix-xorta.

Ir-rekwiżiti li għandhom jiġu sodisfatti ġew stabbiliti fil-każ **Dunne v. National Maternity Hospital** (1989) IR 91 u kif addottati mill-Qorti tal-Appell fil-kawża fl-ismijiet **Rose Gauci et vs. Mr. Donald Felice et**:

"1. The true test for establishing negligence in diagnosis or treatment on the part of a medical practitioner is whether he has been proved to be guilty of such failure as no medical practitioner of equal specialist or general status and skill would be guilty of if acting with ordinary care.
2. If the allegation of negligence against a medical practitioner is based on proof that he deviated from a general and approved practice, that will not establish negligence unless it is also proved that the course he did take was the one which no medical practitioner of like specialization and skill would have followed had he been taking the ordinary care required from a person of his qualification."

[27] Appell Ċivili Nru 2653/1999 deċiża fid-29 t'April 2008.

Il-Qorti hija tal-fehma li r-rikorrenti naqset milli ġġib prova li turi li kien hemm negliġenza min-naħa tal-konvenut Dr. Ivan Vella waqt l-intervent mediku u naqset milli turi li d-*distorted retina* hija konsegwenza tal-intervent bil-*laser* magħmul mill-konvenut Dr Vella. Pjuttost jingħad li ġie muri kemm mill-konvenut Dr Vella kif ukoll mill-espert mediku li ma hemm l-ebda konnessjoni bejniethom u ma jirriżultax li din il-kundizzjoni li għandha r-rikorrenti hija waħda mir-riskji tal-*laser*. Kif jispjega Dr. Ivan Vella. fil-waqt li t-trattament tal-laser isir fuq il-cornea fejn titneħħa lega irqiqa daqs xagħra jew tnejn, dan l-intervent ma jmissx ir-retina u għalhekk ma setgħax jinħoloq *distorted retina*. Tali spjegazzjoni ġiet aċċettata mill-espert mediku u l-Qorti ma tara li hemm l-ebda raġuni għaliex għandha tiddipartixxi minn tali konklużżjoni. Il-Qorti għalhekk qed tadotta fl-intier tagħhom il-konklużżjonijiet milħuqa mill-espert ġudizzjarju mediku u tikkonkludi illi ma hemm l-ebda ness bejn il-kundizzjoni li qiegħda tilmenta minnha l-attriċi u l-operat tal-konvenut Dr. Vella.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi,

1. Tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-preskrizzjoni sollevati mill-konvenuti;

2. Tilqa' t-tieni u t-tielet eċċezzjoni tal-konvenut Dr. Josie Muscat in rappreżentanza ta' St. James Health Centre, u t-tieni eċċezzjoni tal-konvenuti Dr. Ivan Vella u Dr. Josie Muscat in rappreżentanza tas-Summit Eye Laser Clinic u tillibera lil Dr Josie Muscat in rappreżentanza ta' St James Health Centre u ta' Summit Eye Laser Clinic mill-osservanza tal-ġudizzju;

3. Tilqa' t-tielet eċċezzjoni sollevata mill-konvenut Dr. Ivan Vella .

4. Konsegwentement tiċħad it-talbiet attriċi.

Bl-ispejjeż in kwantu għall-kwint (1/5) għandhom jitħallsu mill-konvenuti in solidum bejniethom, u r-rimanenti erba' kwinti (4/5) mill-attriċi.

Moqrija.

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imħallef**

**Lydia Ellul**
**Deputat Reġistratur**